**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 8 ta' Mejju, 2019**

**Rikors Numru : 35/2019 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**MM**

**vs**

**DM**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' MM datat 24 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru, tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994), gewwa l-Knisja Bazilika ta' Sant Elena, Birkirkara, u sseparaw permezz ta' kuntratt in atti n-Nutar Sam Abela tal-wiehed u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (21/03/2012). (Annessi u mmarkati Dok MM1, u Dok MM2).*

*Illi l-partijiet ilhom ghalhekk aktar minn sitt (6) snin separati kemm legalment, kif ukoll de facto.*

*Illi, l-istess partijiet, irrinunzjaw ghad-dritt rispettiv tal-manteniment minghand xulxin stante li jahdmu, liema rinunzja hija definittiva u tapplika anke jekk jinbidlu xi cirkostanzi tal-partijiet.*

*Illi minn dan iz-zwieg, twieldu zewg (2) ulied, MSM li llum ghandha tlieta u*

*ghoxrin (23) sena, u NM, li llum ghandha ghoxrin (20) sena, pero ma hix studenta li qed tippartecipa f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim full time, u ghandha impjieg fuq bazi full-time, u ghalhekk mhu dovut ebda manteniment lilhom.*

*Illi inoltre, lanqas ma hemm arretrati ta' manteniment, jew pendenzi ohra x'jithallsu.*

*Illi m'hemmx tama li l-partijiet jirrikkonciljaw.*

*Illi ghalhekk jezistu ragunijiet bizzejjed ai termini tal-ligi, sabiex iz-zwieg odjern jigi mahlul.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha;*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ossija id-divorzju, ikkontrattat bejn il-partijiet nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru, tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994), u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi; u;*

2. *Tordna lir-Registatur tal-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, fi zmien hemm akkordat minnha biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi.*

*U dan taht kwalunkwe provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' DM, datata 22 ta' Frar 2019, a fol 11 et seqq., li taqra hekk:

*Illi l-esponenti taqbel mat-talbiet ta' MM, b'dana illi qabel ma jigu akkolti huwa necessarju li jhallas l-arretrati dovuti minnu fir-rigward ta' bintu MSM, senjatament dawk relatati mal-ispejjes edukattivi taghha, u li dwarhom rega' gie*

*interpellat recentement. Minghajr tali hlas it-talbiet ma jistghux jigu akkolti.*

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2019 r-rikorrent ghadda seduta stante cheque lill-intimata fl-ammont ta' tlett mitt ewro (€300) rapprezentanti s-somma dovuta ghall-ispejjez ta' edukazzjoni ghall-bint il-kontendent li ghada qed tistudja.

Rat in-nota ta' DM tal-20 ta' Marzu 2019, li permezz taghha infurmat lill-Qorti li c-cheque mghoddi lilha ssarraf u ghaldaqstant ma ghandha l-ebda pretensjoni ohra kontra r-rikorrenti rigward arrettrati ta' manteniment;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MM** xehed illi l-partijiet izzewgu fil-21 t'Ottubru 1994 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fil-21 ta' Maru 2012 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, li llum il-gurnata huma t-tnejn maggorenni izda t-tnejn jistudjaw *full-time*. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**DM** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.[...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi wara z-zwieg taghhom tal-21 ta' Ottubru 1994 (vide Dok. MM1 certifikat taz-zwieg a fol 3), l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 21 ta' Marzu 2012, fl-atti tan-Nutar Dr Sam Abela (vide Dok MM2 a fol 4 et seqq.), u illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied, illum maggorenni;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Spejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**